V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8946 — Lindsay Goldberg/Coveris Rigid)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 234/06)

1. Fil-25 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Goldberg, Lindsay & Co., LLC ("Lindsay Goldberg", l-Istati Uniti tal-Amerka); kif ukoll

— in-negozju tal-imballaġġ tal-plastik riġidu ta' Coveris Group ("Coveris Rigid", il-Ġermanja/il-Lussemburgu), li jikkonsisti f'Coveris International Holdings S.À.R.L., Coveris Rigid Deutschland GmbH u Coveris Rigid (Ravensburg) Deutschland GmbH (u s-sussidjarji rispettivi tagħhom).

Lindsay Goldberg takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' Coveris Rigid kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Lindsay Goldberg: ditta tal-investimenti tal-ekwità privata b'16-il kumpanija ta' portafoll, li l-ebda waħda minnhom ma hija attiva fil-produzzjoni u l-provvista ta' prodotti ta' imballaġġ tal-plastik riġidu fiż-ŻEE.

— Coveris Rigid: il-produzzjoni u l-bejgħ ta' soluzzjonijiet ta' mballaġġ tal-plastik riġidu bħall-qsari u kontenituri, trays, closures, għotjien, u folji, ibbażati fuq materjali differenti li jintużaw f'diversi setturi industrijali downstream.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8946 — Lindsay Goldberg/Coveris Rigid

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË